V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10488 — FAURECIA / HELLA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 514/03)

1. Fl-10 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Faurecia SE ("Faurecia") (Franza),

— HELLA GmbH & Co. KGaA ("Hella") (il-Ġermanja).

Faurecia takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll ta' Hella kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-27 ta' Settembru 2021.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Faurecia: l-iżvilupp, il-manifattura u l-provvista ta' komponenti għal karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief. L-erba' oqsma kummerċjali ewlenin tagħha huma l-postijiet bilqiegħda, l-interjuri, il-mobilità nadifa (inklużi soluzzjonijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u titjieb l-effiċjenza enerġetika u l-prestazzjoni akustika), u l-elettronika (l-infotainment fil-vettura, l-interfaċċi umani tal-magni u l-konnettività),

— Hella: l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' partijiet tal-karozzi, b'mod partikolari dwal u prodotti elettroniċi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10488 — FAURECIA / HELLA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË